

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tal-24 ta' Ġunju 2014****li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**

(2014/399/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2004 il-Gvern tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan applica għall-adeżjoni mal-Ftehim ta' Marrakesh li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'konformità mal-Artikolu XII ta' dak il-Ftehim.
- (2) Ġie stabbilit, fit-13 ta' Diċembru 2004, Grupp ta' Ħidma dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan sabiex jintlaħaq ftehim dwar it-termini ta' adeżjoni aċċettabbli għar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan u l-Membri kollha tad-WTO.
- (3) Il-Kummissjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, innegozjat għadd komprensiv ta' impenji għall-ftuħ tas-suq min-naħa tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan li jissodisfaw it-talbiet tal-Unjoni.
- (4) Dawk l-impenji issa huma inkorporati fil-Protokoll ta' Adeżjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan mad-WTO ("il-Protokoll ta' Adeżjoni").
- (5) L-adeżjoni mad-WTO hija mistennija li tagħmel kontribut pożittiv u dejjiemi għall-proċess ta' riforma ekonomika u għall-iżvilupp sostenibbli fir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan.
- (6) Il-Protokoll ta' Adeżjoni għandu għalhekk jiġi approvat.
- (7) L-Artikolu XII tal-Ftehim li jstabbilixxi d-WTO jstipula li dwar it-termini tal-adeżjoni għandu jintlaħaq ftehim bejn il-Membri li qed jissieħeb u d-WTO, u li l-Konferenza Ministerjali tad-WTO tapprova t-termini tal-adeżjoni min-naħa tad-WTO. L-Artikolu IV.2 tal-Ftehim li jstabbilixxi li d-WTO jipprova li matul l-intervalli bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali, il-funzjonijiet tagħha jitmexxew mill-Kunsill Ġenerali.
- (8) Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan mad-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ hija li tapprova l-adeżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-24 ta' Ġunju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. VENIZELOS

---